MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 413/2003

**Pater Finance Co Ltd**

**Vs**

**Sagirus Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm725), import ta' seba' kambjali wahda ta' Lm17 (bilanc) u sitta ta' Lm118 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2002 sa Frar 2003 rispettivament u mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni li giet prezentata mis-socjeta attrici u li permezz taghha rriduciet is-somma mitluba ghal disgha u ghoxrin lira Maltija (Lm29).

Semgha lill-avukat Dr. Neville Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont kif ridott ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ disgha u ghoxrin lira Maltija (Lm29), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------